Brown

L-EWWEL KTIEB
TAT-TLETIN SENA.

MARZU
1954

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

| | | |
|---|---|---|
| L-EDITUR—Is-Sena Marjana | fačč. | 3 |
| P. MATTEW, O.F.M. KAPP.—*Ma Nistrihux* | ,, | 5 |
| P.P. SAYDON, B.LIT., B.L.CAN., D.D., LIC. S. SCRIPT.—L-Ahhar Kelma | ,, | 6 |
| G. CARDONA—Stanislaw Gatt | ,, | 10 |
| ĠUŻI ABELA—Malapropismi fl-Ilsien Malti | ,, | 22 |
| VAL. V. BARBARA, O.P.—*Marija Sultana* | ,, | 23 |
| A. CREMONA—Fabbrika Ġdida tal-Malti | ,, | 24 |
| VAL. V. BARBARA, O.P.—*O Spem Miram!* | ,, | 27 |
| A. CREMONA—Varia Atque Breviora | ,, | 28 |
| Reċensjonijiet | ,, | 30 |

DIRETTUR: Dr. Cużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IT-TLETIN SENA

UNIVERSITY LIBRARY MALTA

1954.

---

Stamperija tad-Dar ta' San Gużepp,
Ħamrun.
MALTA—1954.

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1954.

# IS-SENA MARJANA

*L-AĦĦAR tas-sena li għaddiet il-Papa ħabbar li din is-sena 1954 li aħna fiha kellha tkun sena ta' ġieħ u ta' foħrija lill-Madonna bħala tifkira tal-mitt sena minn meta xxrandret id-Domma tal-Kunċizzjoni tal-Verġni Marija, u dik l-aħbar dlonk nisslet xrara u dawlet is-sħab iswed li qiegħed igħatti wiċċ l-art. F'dawn l-aħħar snin il-ħajja tal-bnedmin tilfet kull ħajr u serħ, il-biża' qiegħed jaħkem fuq kulħadd: biża' ta' gwerer, biża' ta' għaks, biża' ta' qagħad. In-nazzjonijiet imxewxin għal xulxin u mifrudin minn purtiera tal-ħadid, l-imġiba tal-gvernijiet bejniethom hi mwiegħra għall-aħħar, kulħadd jarma bis-sħiħ. Ix-xjenzjati bl-imħatra min jikxef qawwiet moħbija u mezzi qliel ta' qirda, il-letterati jinqdew bil-kitba biex iħawdu l-imħuħ, dawk tal-politika jħambqu kemm jifilħu biex iħeġġu n-nar tal-għira u tal-mibegħda. Ħtija ta' dan it-twegħir u t-taħwid in-nies ma jafux fejn jagħtu rashom, ma jafux x'sa jkun għażilhom jew x'sa jiġri minnhom. Il-futur jidher ikreh għal kulħadd u bosta nies donnhom tilfu kull tama f'dak li ġej u qegħdin igħixu biex igawdu l-pjaċir qarrieq li toffri l-ħajja ta' kuljum, ħajja materjali miftuma minn kull sentiment spiritwali.*

*Is-sejħa tal-Papa biex din is-sena nħarsuha bħala sena ta' Marija nstemgħet bħala leħen mistiku li qajjem lill-bnedmin mill-bruda spiritwali tagħhom, ħeġġilhom qalbhom bin-nar ta' l-imħabba u l-karità, dawlilhom moħħhom bid-dija mqaddsa u refagħlhom ħsibijiethom lejn is-sema. F'dan il-hemm li tinsab fih id-dinja dehret ix-xbieha ta' Marija l-aktar ħelwa u l-aktar ħanina. l-aktar safja u l-aktar qaddisa fost il-ħolqien, nisslet kuraġġ u ħila fil-qlub tal-bnedmin, u xerrdet sliem u sedqa fl-erweħ imxennqin għall-grazzja tal-Mulej.*

*Din is-sena 1954 iddedikata lil Marija għandha mnejn tibqa' tissemma fl-istorja tad-dinja bħala sena tad-destin għax jekk il-popli jħarsuha bil-fehma li kellu l-Papa u joqogħdu għat-twissijiet tiegħu, għandha mnejn il-ħajja tal-bnedmin tieħu xejra ġdida, xejra ta' paċi, ta' ħniena u ta' ftehim fost il-ġnus. F'din is-sena l-Vigarju ta' Kristu qiegħed quddiem għajnejn l-umanità xempju l-aktar għażiż ta' qdusija u ta' tjubija biex in-nies ifas-*

*sħ għamilhom u ħsiebhom fuqu; jekk huma jagħmlu hekk qlubhom jissaffew mill-għadab u mill-ħruxija, moħħhom jiddawwal u idejhom jimteddu għall-għafsa ta' ħbiberija.*

*Kulma jeħtieġ biex in-nies iwieġbu għas-sejħa tal-Papa u jiksbu l-grazzji mwiegħda lilhom f'din is-sena hi rieda tajba; din il-bniedem biss jista' jnissilha ġewwa fih innifsu, hija ħaġa marbuta ma' ħsiebu u fehemtu, hi ħaġa persunali u l-ebda setgħa ma tista' tifformaha għall-bniedem. Mela kulħadd jeħtieġlu jitqanqal u jagħmel fehma sħiħa u jrettel rieda tajba, ġusta u retta biex tmexxi l-ħajja fit-triq tas-sewwa. Madankollu kull maħluq imissu jitlob il-għajnuna lil Marija li Hija l-għajn ta' kull għerf,* sedes sapientiae, *biex Hi ttih id-dawl u tiftaħlu għajnejh għal dak li hu sewwa u mqaddes, u hekk bil-barka Tagħha wieħed jagħraf iġib ruħu lejn ħutu skond ma jrid minnu l-Missier tagħna fis-Sema.*

*Bosta jwieġbu għas-sejħa tal-Papa b'festi, b'pellegrinaġġi u turija oħra ta' rispett għall-kelma tiegħu, iżda hu ma għandux fehma li juri kemm issarraf il-kelma tiegħu. Ix-xewqa tal-Papa hi li l-bnedmin f'din is-sena jagħtu ġieh u qima lill-Madonna billi jfarfru minn fuqhom l-għabra tal-bruda u jqumu mixraħxiħa tal-pjaċiri qarrieqa li qegħdin jaħkmu fid-dinja. Biex isseħħ ix-xewqa ta' Missier l-Insara jeħtieġ li dawn jagħrfu l-qagħda mwiegħra li tinsab fiha d-dinja u jagħmlu fehma sħiħa li jtejbu ħajjithom billi jżommu bħala mera ta' għamilhom, ta' ħsibijiethom u ta' xewqathom Dik l-Omm Helwa u Hanina, Dik ix-Xebba l-aktar safja Marija Santissima. Mill-bnedmin jonqos jekk din is-sena ta' grazzja speċjali ma tisfax ta' ġid għaddinja, għax jekk huma juru ġibda u ħajra biex jersqu lejn il-Madonna, Hi xxerred fuqhom il-barka Tagħha u tgħinhom biex jirbħu l-ħażen, biex jinżgħu l-libsa tal-frugħa u f'lokha jxiddu l-oħra tal-ħaqq u tas-sewwa.*

*Jekk wieħed jaqra l-istorja tad-dinja jsib li f'kull epoka saret xi ġrajja li qalbet il-ħajja tal-bnedmin u ħalliet għelm fil-milja tas-snin. Ħafna drabi kienet xrara li xegħlet b'ħeffa kbira mad-dinja kollha u qajmet nar li saffa ħajjet il-bnedmin. J'Alla din l-istedina tal-Papa biex is-sena 1954 niddedikawha lil Marija tkun xrara li tixgħel fi qlub il-bnedmin nar ta' mħabba għassewwa u għas-sliem, nar li jeqred minn wiċċ l-art il-biża', il-mibegħda, ir-regħba u l-għira. J'Alla din is-sena ta' Marija sseddaq lill-umanità u ġġib il-paċi tant mixtieqa fost il-ġnus!*

# MA NISTRIHUX

*Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

*(Lill-ħabib tiegħi, P. Valentin Barbara, O.P., awtur tal-poeżija* "Nistrieħu ftit" *f'*IL-MALTI, *Ġunju, 1953, paġ. 36)*

Bħalek demmi nħoss kiesaħ
U bija l-art iddur,
Il-ħajja trid tgħaffiġni,
Bħalek!... bħalek maħqur...!!
Iżda jekk ngħixu fl-għana,
Fit-trab, għid, min jitfagħna?

Għalkemm it-triq li mxejna
Imħarbta, mwiegħra wisq,
Għalkemm ix-xemx ħaqritna
U mkien ma sibna riżq;
Xi farag joqrob lejna
Maż-żmien, u jbus ħaddejna.

Jekk hawn min stagħġeb bina,
Ra l-ħidma w baqa' għaddej
Imbissem, u maqdarna,
Tqisux... għax mhux għannej.
Tbissima ta' tmaqdira
Għax twaqqa' 'l qalbna lsira?

Ħabib, tibżax mill-għaja,
Mid-daħk u mit-tmaqdir,
Nimxu... jekk nieqfu, nonqsu
Mill-ogħla w l-eqdes dmir,
Għax Alla mmutu jridna
Poeti t'art twelidna.

Ħabib, nerġa' ntennilek:
Aħjar ma nistriħux,
Inkomplu l-mixja twila,
Ħabib, ma nitnikkrux.
Jekk l-għaja waqgħet fuqek
Tibżax, hawn jien insuqek.

Ħabib, ngħidlek is-sewwa,
Aħjar ma nistriħux,
Għalkemm it-tnejn għajjiena,
It-tnejn ma nifilħux;
Ikollna żmien nistrieħu
Meta fl-għana nixjieħu.

# L-AĦĦAR KELMA

*Ta'* P. P. SAYDON

*(Jorbot ma' Settembru 1953, faċċ. 80)*

QABEL ma nibda t-tielet taqsima tat-Testment tiegħi rrid inżid tagħrifa żgħira fuq li ma setgħetx tidħol qabel. Dak li sa ngħid jidħol f'qiegħ il-faċċata 81. Ftit ilu l-Università riedet tagħtini l-grad għoli ta' D.Litt. (Hon.) b'turija ta' għożża tax-xogħol tiegħi tat-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim, bħalma ftit snin qabel kienet tat l-istess ġieh lil Dun Karm, il-poeta kbir Malti. Ġieh għoli, imma jien deherli li ma għandix nilqa' unuri meta x-xogħol tiegħi għadu mhux mitmum u meta x-xogħol li għamilt s'issa għadu mhux milqugħ u magħruf kemm jistħoqqlu. Ma rridx ngħid iżjed biex ħadd ma jaħseb li rrid nitgħajjar. Kelma waħda ngħid: li kelli qalbi mekula mid-dudu tal-kburija, ma kontx naħsibha darbtejn biex ngħid: iwa; imma, bħalma għidt qabel, it-triq ta' ħajti hi t-triq tax-xogħol, mhux it-triq ta' l-unuri.

U issa wara li wrejt kif jien magħġun u x'inhuma l-fehmiet tiegħi fuq l-għerf u t-tagħlim, ngħid kif dħalt fil-ġlied tal-ħajja.

Imrawwem għal żmien twil, Malta u barra minn Malta, b'tagħlim għoli, imkebbes b'ħeġġa kbira għall-għerf, b'moħħi merfugħ lejn id-dija tad-dawl tas-sewwa, b'qalbi miftuma minn kull ġibda ta' regħba u kburija, imwettaq b'rieda li tfarrak iż-żonqor u ddewweb l-azzar, dħalt għall-ġlieda tal-ħajja, bħal gwerrier li jaf żgur li sa jirbaħ. Imma d-dinja hi mgħammra b'armi oħra. Ridt niġġieled bis-safa ta' qalb, bin-nar ta' rieda żagħżugħa, bis-sewwa tal-ħaqq li ġej minn Alla. U tlift. Mhumiex dawn l-armi tad-dinja. Kont bħal ħaruf li jrid jiġġieled bi snienu żgħar u rotob ma' dib bi njiebu kbar u ebsin.

Fis-sena 1924, il-Professur Mons. M. Gonzi, illum Arċisqof ta' Malta, laħaq Isqof ta' Għawdex, u jien ġejt quddiem biex nilħaq Professur fl-Università floku. Kont għadni kemm temmejt l-istudji tiegħi Ruma fi skola li kienet infetħet ftit snin qabel mill-Papa Piju X għall-istudji ta' l-Iskrittura u li fiha kienu jgħallmu Professuri magħrufin mad-dinja kollha għal għerfhom. Ħadd minn dawk li kienu resqu miegħi ma kien għamel dawk l-istudji, u għalhekk kelli qalbi qawwija li sa nkun magħżul jien. Tqarraqt. Dak iż-żmien ma kien jafni ħadd; ħbieb ma kellix, u bla ħbieb...... Wieħed mill-membri tal-Kunsill li ħaduni għandu (fuq qalbi, għax deherli li ma kelli nitlob lil ħadd) qalli f'wiċċi: "Taf

li l-flien akbar minnek?" U għax akbar minni, u għax kien jafu aktar minni, kellu dritt aktar minni! Xejn ma kienu jgħoddu ċ-ċertifikati; xejn ma kienu jiswew l-istudji kbar li kont għamilt; xejn ma kienet tiswa l-kelma tal-Papa li ftit xhur qabel, u sewwa sew f'April ta' dik is-sena, ħareġ ordni li l-Professur ta' l-Iskrittura kellu jkollu l-gradi fl-Iskrittura, u ħadd ħliefi ma kellu dawn il-gradi; l-aqwa li kien akbar u aktar magħruf minni. U, miskin, anqas hu ma sar. Ma rridx ngħid l-istorja kollha ta' tletin sena ilu, għax, għalkemm kull min kien imdaħħal fiha l-lum kollha mejta; kull ma ntqal u kull ma sar fil-laqgħat tal-Kunsill ma jistax jixxandar.

Kienet l-ewwel telfa. Imma jekk dak iż-żmien ħassejtha bħala telfa kbira, il-lum, wara tletin sena, ngħid: Kull deni ħudu b'ġid. Il-lum li bdejt nixjieħ u f'rasi għandi aktar xagħar abjad milli iswed, inħoss li l-esperjenza ta' l-istudju tiswa wisq aktar mit-tagħlim ta' l-iskola waħdu. L-iskola titfagħlek f'qalbek iż-żerriegħa tal-għerf; imma biex din iż-żerriegħa tinbet, issir xitla, imbagħad sigra li tagħti l-frott jinħtieġ iż-żmien u l-ħidma. Aktar ma taħdimha, aktar tikber is-sigra tal-għerf u aktar kotran jkun il-frott tagħha. Dak iż-żmien iż-żerriegħa kienet inżergħet f'qalbi u nibtet, imma kien jinħtiġilha żmien aktar u ħidma akbar biex tikber u ssir sigra bħalma hi l-lum. Il-għerf jinkiseb biż-żmien, mhux bit-tagħlim ta' l-iskola waħdu.

U din it-tagħlima li għallmitni l-esperjenza fetħitli għajnejja biex nara f'liema triq mexxi t-tagħlim tagħna l-lum. Minn xi żmien 'l hawn daħlet id-drawwa li jingħażlu Professuri żgħażagħ, xi drabi għadhom ma temmewx l-istudji tagħhom fl-Università, jintbagħtu ftit xhur, jew sena sentejn barra biex isiru għorrief. Iż-żgħożija tnissel il-kburija, u x-xitla tistħajjilha sigra li trid teħodha mal-balluta. Il-għerf ma jinkisibx f'sena, anqas f'sentejn; imma biż-żmien u l-ħidma; bħalma s-sigra ma tikberx f'jum jew f'jumejn imma biż-żmien u l-ħidma. Għalhekk il-lum dik it-telfa ta' tletin sena ilu ma nħossniex daqs kemm ħassejtha dak iż-żmien.

Ma qtajtx qalbi, għalkemm kelli biex naqtagħha. F'post żgħir bħal Malta t-toroq tal-ħajja mhumiex wisq, u jiena triq waħda kelli, li malajr infetħet u malajr reġgħet ingħalqet. Kont bħal wieħed mitfugħ fuq blata f'nofs ta' baħar fejn ma jgħaddi l-ebda ġifen. Professur żagħżugħ daqsi, jew ftit akbar minni, ma kienx sa jitlaq postu ħlief meta jien inkun xjieħt, u għalhekk ma

kien baqali l-ebda tama li nilħaq fejn xtaqt nilħaq u fejn dejjem ħdimt biex nilħaq. U din it-telfa tat-tama kienet għalija l-akbar weġgħa li minnha ma kelli nistejqer qatt.

Imma ma qtajtx qalbi. B'rieda qawwija daqs l-ogħla iġbla bqajt nistudja u nsaqqi u nkabbar dejjem is-sigra ta' għerfi. Ma ridt naf b'xejn aktar. Għalaqt għajnejja għal kull triq oħra tal-ħajja, u bqajt b'ħarsti msammra mat-triq il-magħluqa. Min kien iżgħar minni kien tiela' ġmielu t-taraġ tal-ħajja; kellu unuri u riesaq dejjem lejn unuri akbar. U jien kont moħbi, minsi minn kulħadd, magħluq bejn erba' ħitan u mħaddeb fuq il-kotba. Kien ġenn? Jista' jkun. Imma jekk kien ġenn, id-dinja kienet tkun aħjar kieku kellha mġienen aktar. Dik il-ħabta wieħed li kien sa jaqbad it-triq ta' l-istudju bħali qata' qalbu u qabad it-triq ta' Kappillan. L-Isqof staqsieh il-għala ma riedx jibqa' fuq l-istudju. Wieġbu: "Biex jiġrili bħal Saydon?" Wieħed ieħor li kien Professur tiegħi Ruma kitibli u qalli: "Ir-rieda qawwija tiegħek tgħaġġibni." Dan mhux ftaħir; dawn huma biss xi tifkiriet ta' l-imgħoddi.

U f'din il-ħajja moħbija fis-skiet ta' l-istudju, mingħajr l-ebda xaqq dawl ta' tama, għaddew seba' snin. Kien is-sajf tas-sena 1931. Min qorob lejn il-ħamsin jiftakar x'taħwid kien hawn Malta dak iż-żmien u x'firda kien hawn bejn il-Maltin. Taħwid u firda li, bħall-arja, kienu jidħlu kullimkien, fid-djar, fil-ħwienet, fuq ix-xogħlijiet, fl-iskejjel. U ħin bla waqt il-Profettur ta' l-Iskrittura jsiefer...... għal kollox. Kienet sajjetta fil-bnazzi, kif kienu jgħidu dari. Id-dalma li kienet tkebbibni fis diebet; it-triq il-magħluqa nfetħet u d-dawl tat-tama reġa' beda jiddi madwari. Dawwart wiċċi lejn it-triq li nfetħitli bil-ħsieb din id-darba li nidħol fiha bla tfixkil. Imma, ħwejjeġ li ma jitwemmnux, it-tfixkil reġa' nqala'. Bħalma għadni kemm għidt, Malta dak iż-żmien kienet mifruda b'firda tal-biża'. Aħwa f'dar waħda miġġeldin bejniethom, ħaddiema fuq xogħol wieħed joboghdu 'l xulxin, dawk li l-bieraħ kienu ħbieb il-lum jitgħajru; tixwix, tgħajjir, tnassis, mibegħda kullimkien. U jien, bla ma kont naħseb, sibt ruħi mkaxkar fil-ħama ta' dak it-taħwid. Id-dnub tiegħi kienet l-imħabba tiegħi għall-Malti. Dak iż-żmien min kien iħobb il-Malti kien miżmum b'għadu ta' pajjiżu u, minn qatgħa ta' nies, tal-Knisja. Nies ta' din il-qatgħa ma stmellux jitfgħu t-tajn l-aktar maħmuġ fuq l-isem imweġġaħ ta' Dun Karm. U bħal **Dun**

Karm jien kont imżeblaħ u miżmum minn dik il-qatgħa ta' nies b'għadu...... tal-fehmiet tagħhom.

Din kienet il-qagħda ta' Malta meta jiena rsaqt għat-tieni darba għall-post ta' Professur ta' l-Iskrittura fl-Università. Mhix ħaġa tal-għaġeb jekk kien hemm min ma rednix. Meta l-kotra tal-membri kienet miegħi, wieħed qam igħid: "Iva, 'l dak tridu tagħżlu?" Sa hemm ġew kienet daħlet l-arja ħażina ta' barra! Issa fost dawk li resqu ħadd ħliefi ma kellu l-gradi, kif irid il-Papa Pju XI, u għalhekk ħadd ħliefi ma kellu d-dritt li jkun magħżul. Biex ingħid kollox, ngħid ukoll li wieħed biss resaq miegħi għall-post ta' Professur ta' l-Iskrittura, u resaq għax kien imġiegħel, bħalma qalli hu nnifsu. Ma għandniex xi ngħidu, min ma rednix ried li jkun hemm xi ħaddieħor 'il min jagħżlu floki. Mela kien hemm min ried ifixkilni. U dak il-ħien, li min jaf kemm kien għajjat: "Viva l-Papa!" fil-'meetings', issa tefa' l-ordni tal-Papa wara dahru. Imma ħabat tajjeb li mhux kulħadd kien għama bħalu. Is-sewwa rebaħ, u f'Ottubru tas-sena 1931, kont magħżul Professur. Kienet l-ewwel rebħa tiegħi, imma kienet rebħa mirbuħa bil-ponta tas-sajf, rebħa mirbuħa kontra l-ħażen ta' fehmiet imgħawġa. Irbaħt, meta t-theddid tat-telfa kien imdendel fuq rasi u s-sewwa kien għoddu għab għal kollox mis-sema safi ta' Malta.

Xahar wara li sirt Professur għażluni President tal-Għaqda tal-Malti, imwaqqfa bejn l-istudenti. Il-Malti kien l-akbar għadu tal-Gvern ta' dak iż-żmien, u għaqda tal-Malti bejn studenti żgħażagħ kienet xewka f'għajn il-Gvern u niggieża f'ġenbejhom. U riedu joqtluha, u fil-ħdax ta' Novembru 1932, ir-Rettur ta' l-Università ta' dak iż-żmien tani l-ordni li l-Għaqda ma tistax iżżomm aktar il-laqgħat tagħha fl-Università. Qamet ġlieda oħra bejn il-ħbieb tal-Malti, immexxijin minni, u l-għedewwa tal-Malti li, għax kellhom is-setgħa f'idejhom, deħrilhom li kellhom il-jedd li jisħquha u jeqirduna għal kollox. Tqarrqu. Konna mgħakksin, imma bqajna ħajjin; l-Università għalqitilna bwiebha, imma ħafna ħbieb fetħulna bwiebhom u laqgħuna ġo darhom biex nagħmlu l-laqgħat tagħna ta' kull xahar. Iġġelidna, żammejna sħiħ u fl-aħħar irbaħna, u f'Novembru tas-sena 1933, erġajna dħalna l-Università. Min irid jaqra l-istorja kollha jsibha f'"Leħen il-Malti" tas-snin 1932 u 1933.

*(Għad baqa')*

# STANISLAW GATT

*Ta'* G. Cardona

BARRA minn ftit nies minn Hal Qormi, u xi oħrajn li jinteressaw ruħhom mill-Istorja ta' Malta, Stanislaw Gatt huwa isem u kunjom bħal ħafna oħrajn li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Iżda għal min għandu għal qalbu l-ġrajjiet ta' pajjiżna taħt dawk iż-żewġ kelmiet hemm minsuġa biċċa sewwa mill-ġrajja ta' Malta u biċċa wisq akbar mill-istorja mhux miktuba tal-Belt Pinto.

Ix-xorti ta' dan il-bniedem ma tixbah xejn lil dik ta' ħafna minn sħabu li għaxu fi żmienu u li fuqhom inkitbu bosta kotba, bħal ngħidu aħna Dun Mikiel Xerri, Manwel Vitali, Ċensu Borg "Brared" u Dun Saver Caruana. Dawn, għalkemm, għax-xogħol tagħhom kisbu dak li kien jistħoqqilhom. Ma rridx ingħid b'daqshekk li l-ħidma ta' Stanislaw Gatt tisboq dik tal-Patrijotti l-Kbar Maltin, għalkemm għal dik li hi intenzjoni retta aktarx li jgħaddi lil dawk li taħt il-maskra tal-Patrijottiżmu ħadmu biex jilħqu l-finijiet ambizzjużi tagħhom. Il-patrijotti ta' l-isem li għamlu ħilithom biex jidhru u b'hekk jiksbu l-ġieh malajr qomsu meta ġew imwarrbin fil-ġenb u wrew biċ-ċar għalfejn kienu għajtu "Viva Franza" jew "Viva l-Ingilterra".

Stanislaw Gatt ma kellux għalfejn jidher fl-għajnejn tal-kbar. Kien ħieni li l-poplu Qormi kien jara fih missier kulħadd l-aktar il-fqar. Medhi fil-professjoni tiegħu ta' Spiżjar, idewwi l-griehi bid-duwa, u l-qlub bil-pariri tajba, kien għaddej ħajja għal qalbu nieqes minn xejn u jagħmel ġid lil għajru.

In-nies tar-raħal malajr fehmu li bniedem bħalu seta' jiswa ħafna lill-Belt Pinto. Beda riesaq ix-xahar ta' Awissu tas-sena 1778; il-Hdud wara l-quddies ma konġx tisma' ħlief min jitkellem fuq il-għażla tas-Sindku u tal-Gurat tar-raħal. Min beda jsemmi lil dak u min lill-ieħor; wieħed imaqdar u ieħor ifaħħar, b'danakollu l-isem tas-Sur Nin Schembri kien f'ħalq kulħadd u bir-raġun, għaliex fis-sena li għamel Sindku ħasel inħabb tabilħaqq u din is-sena jixraqlu jsir hu wkoll. U fuq min taqa' l-għażla ta' Gurat? Issemma neguzjant tal-qoton u xi benestant ukoll, iżda l-għadd il-kbir tal-Qriema xeħtu għajnejhom fuq is-Sur Slaw.

Kulħadd kien jistenna t-28 tax-xahar jasal fuq ix-xwiek. Dwar ir-riżultat tal-għażla saru xi mħatri wkoll. Fl-aħħar waslet l-aħbar minn l-Imdina. Għall-Belt Pinto saru s-Sur Nin Schembri u s-Sur Slaw Gatt. Minn hawn bdiet il-karriera ta' dan il-bniedem qalbieni li ħadem, bata u ta saħansitra ħwejġu għal pajjiżu.

M'aħniex żguri fejn twieled Stanislaw Gatt, għaliex s'issa r-riċerki li għamilna ma tawx il-frott mixtieq. Il-fidi tal-mewt tiegħu ttarfilna li twieled bejn l-1743-45. Slaw kien bin Karlu, armel, u Grazzja Galea, li żżewġu n-Naxxar, f'Santa Marija tas-sena 1728 (1). Mill-volum tas-Suppliki nafu li Gatt kien għadda kors ta' spiżjar fl-Isptar tar-Reliġjon u fit-30 ta' Mejju 1770 ġie eżaminat bl-akbar reqqa u approvat mill-Kulleġġ tat-Tobba biex jista' jaħdem ta' spiżjar kemm-il darba jikseb minn għand il-Granmastru s-sensja biex jiftaħ spiżerija. Billi Nazju Cascin, l-Ispiżjar tal-Belt Pinto xtaq ibiegħ l-ispiżerija fuq l-istima li kellu jagħmel l-Ispiżjar Gilandri Farrugia, minnu magħżul bħala perit, Gatt talab 'il-Granmastru s-sensja biex jeżerċita l-professjoni tiegħu fil-Belt Pinto u fl-ispiżerija ta' l-imsemmi Cascin. It-talba ta' Slaw Gatt ġiet mill-Granmastru Pinto riferita lill-Kulleġġ tat-Tobba fit-13 ta' April 1771 u fuq ir-relazzjoni tagħhom Slaw kellu tweġiba tajba fis-6 ta' Mejju 1771 (2). Dan juri biċ-ċar li dan il-patrijott fl-1771 għażel lil Ħal Qormi bħala t-tieni pajjiżu u fih baqa' jgħammar għal 40 sena sħaħ.

Bħala spiżjar, għandna naħsbu li Gatt kien ta' ġewwa mat-tabib Patist Xikluna u minn din il-ħbiberija spiċċa biex iżżewweġ għand it-tabib. Ġanpatist Xikluna kien iżżewweġ lil Anna Galea fid-9 ta' Ottubru 1729 u binthom Roża ntrabtet ma' Slaw fid-19 ta' April 1773, fil-Knisja ż-żgħira ta' S. Pietru, tefgħa ta' ġebla mill-ispiżerija tiegħu (3).

Mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Pellerano (1771-1781) qbadna li fl-1773, fost il-Kleru tal-Belt Pinto jidher imniżżel il-Kjeriku miżżewweġ Stanislaw Gatt, li ħa l-Ewwel Minuri fl-24 ta'

(1) Niżżi ħajr ta' dan it-tagħrif lis-Sur Muscat, il-Ġuljanista ta' Ħaż-Żebbuġ.

(2) Ms. Arch. 1192, carta 49.

(3) Arkivju Parrokkjali S. Ġorġ, Ħal Qormi, bil-kortesija tal-W.R. Arċipriet Dun Anton Vella.

Settembru 1759 (4). Aktar 'il quddiem meta s-Sur Slaw laħaq Ġurat u Sindku, ismu ma baqax jidher fost il-kjeriċi, iżda nsibuh biss bħala Prokuratur tas-Sepolkru, tal-Via Sagra tal-Lampa, eċċ.

Tweldit lu tifla fit-23 ta' Settembru 1776, Maria Gratia Anna Caterina (5). Minn din il-fidi tal-Magħmudija wieħed jista' jaħseb li s-Sur Slaw kellu xi nisel minn Ħal Lija, billi l-parrinu hu P.P. Gregorius Gatt de Terra Lia, aktarx xi qarib tas-Sur Stanislaw. Skond it-tradizzjoni msaħħa b'raġunijiet serji, kif naraw aktar 'il quddiem, l-Ispiżjar il-ġdid kien joqgħod fi Triq Santa Katerina, l-ewwel bieb, fejn il-lum hemm it-Tabib Ellul. Firrumanz ta' Ġużè Muscat Azzopardi "Nazju Ellul", jidher ċar li din tabilħaqq kienet l-għamara tiegħu. Hjiel ieħor jagħtuna dawk iż-żewġ kanuni li hemm imdeffsa fl-art fil-kantuni ta' din id-dar. Dawn il-kanuni ngarru mill-Batterija tal-Marsa, wara li spiċċa l-Imblokk tal-Franċiżi.

Bniedem ta' din ix-xeħta ma damx ma sar ħaġa waħda mal-Qriema u dawn biex juruh il-qima xierqa wara ftit żmien millmiġja tiegħu f'Ħal Qormi, għażluh Ġurat għall-ewwel darba fit-28 ta' Awissu 1778 (6). Reġa' żamm din il-kariga fis-snin 1779 u 1780, waqt li s-Sindku kien Antonio Schembri. Is-sena ta' wara laħaq Sindku u taħtu kellu lil Pawlu Zammit bħala Ġurat. Dam igawdi dan il-post għoli sas-sena 1783, meta jidher floku għas-sena 1784, is-Sindku Geronimo Camilleri.

X'sar mis-Sur Slaw? Mistoqsija tassew f'lokha, imma ma nafx min jista' jweġibha fiż-żgur u din hija r-raġuni. Fil-kotba ta' l-Ordni, fejn jinsabu n-nomini tas-Sindkijiet hemm xi nuqqas mis-sena 1785 'il quddiem. Sas-sena 1784 insibuhom bħala "Liber Bullarum"; dawn il-volumi huma ordinati tassew, iżda missena 1785 insibu flokhom il-"Minutario di Bolle"; minn fuq dawn kieku ż-żmien ippermetta kienu jissawru l-"Liber Bullarum", imma l-Ordni donnu beda jitlef dik ir-reqqa billi kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa beda jixref l-għawġ. Għalhekk ma nistgħux ngħidu jekk is-Sur Slaw kellux iħalli s-Sindakat għal xi sena jew tnejn sforz mard, xogħol privat, inkwiet u x'naf jien; biss nafu li fl-aħħar żmenijiet ta' l-Ordni kien jikkmanda r-raħal

(4) Visitatio Pellerano (A.D. 1771-1781) Parrocia Curmi, p. 393 et seq.

(5) Arkivju Parrokkjali S. Ġorġ. Ħal Qormi. bil-kortesija tal-W.R. Arċipriet Dun Anton Vella.

(6) Ara Archivum Lib. Bull. A.D. 1778.

kif tgħid ix-xhieda miktuba li ħallew għaxra min-nies li kienu jafu sewwa lis-Sur Slaw. Meta żbarkaw il-Franċiżi, Gatt kien "in qualità allora di Sindaco della medesima Città" (7). Dana juri li fis-sena 1797 kien Sindku tal-Belt Pinto Stanislaw Gatt, iżda nibqgħu fil-għama dwaru bejn l-1784-1796, tnax-il sena sħaħ li huma ħafna fil-ħajja ta' bniedem. Il-ħasra hi li d-dokumenti personali u sindakali ta' Gatt huma nieqsa għal kollox.

Issa naslu għall-bidla li ġrat f'Malta s-sena 1798.

Wara r-Rivoluzzjoni Franċiża f'Malta bdiet tisħon il-qiegħa. Il-Kavallieri Franċiżi u bosta Maltin imxebbgħin mill-Ordni mtlew bil-ferħ għax fl-aħħar kienu ser jaraw xewqithom maqtugħa. Minn Franza bdew jaslu xnigħat dwar iċ-ċaqliq tal-Flotta Franċiża fil-Mediterran. Il-konfoffi kienu ilhom jinħmew minn taħt u fihom kienu mdaħħlin l-ogħla Kavallieri u Maltin mill-aħjar. Ta' min ifakkar li sewwa sew sena qabel ma l-Franċiżi dehru fuq Malta, inkixfet konfoffa li fiha ħa sehem M.A. Vassalli u oħrajn. Il-ħsieb tagħhom kien li jbattlu l-Armerija ta' Ħal Qormi (fejn il-lum hemm l-Għassa tal-Pulizija), u bl-armi u l-porvli li jiksbu jagħtu bidu għar-rewwixta (8).

Il-ġamar kien ilu jħammar u fewġa biss kien jonqsu biex jivvampja — dik il-fewġa li fl-aħħar waslet fuq ix-xtut ta' Malta, l-472 qlugħ tal-Libertà. Fl-imħuħ tat-twajba nibet il-biża' u l-ġenn, iżda min kien jaf bil-logħba li kien hemm fin-nofs anqas biss ħabbel rasu. Ix-xjuħ stennew Assedju Kbir ieħor bħal dak ta' żmien La Valette, imma tqarraq u għalliex il-kummiedja bdiet bid-daħk u ntemmet bi tradiment l-aktar faħxi u damet mid-9 ta' Ġunju sal-għada. Mur għidlu lil La Valette nislu xi qlubija kellu juri mitejn u tlieta u tletin sena wara l-Assedju!

Mela l-Franċiżi niżlu l-art bla taħbit waqt li fl-irħula ħadd ma kien jaf x'sa jaqbad jagħmel. Ħal Qormi billi jinsab kemm-xejn 'il ġewwa mix-xtajta ħabtu jirranġaw xi ħaġa. Is-Sur Slaw ried kieku jgħaqqad malajr daqsxejn ta' Riġiment. Hareġ l-azzarini li sab, qassamhom u ħeġġeġ lin-nies biex iwaqqfu l-inżul tal-Franċiżi. Fejn kien jobsor is-Sur Slaw li fi ftit żmien il-Franċiżi kellhom iħarbtulu d-dar. Waqt it-tqassim ta' l-armi ġriet ix-xniegħa li l-Franċiżi mhux biss kienu niżlu, iżda kienu għoddhom waslu r-raħal. Kulħadd tah ġenn. Is-Sur Slaw ma qa

(7) Mifsud "La Sovranità Inglese Su Malta".
(8) Ms. Bibl. 1020 f. 136-140.

għadx jogħmodha u qallhom: "Kulħadd idabbar rasu. Jien sejjer niskenn il-Belt Valletta. Nista' naħseb li nkun wieħed minn l-imfittxin. Aħarbu għax miskin hu min jaqa' taħt idejhom".

Is-suldati ta' Napuljun niżlu mit-Turretta għal ħdejn il-Mithna, Misraħ San Franġisk, għamlu żjara sabiħa lid-dar tas-Sur Slaw (kellu raġun jiskarta), ġibdu għall-Vitorja u baqgħu sejrin lejn Ħaż-Żebbuġ. Is-Sur Stanislaw flimkien ma' martu u bintu baqa' l-Belt sakemm saru l-pattijiet kollha u Malta waqgħet f'idejn Franza. Meta reġa' lura lejn ir-raħal kif wasal ħdejn l-Erba' Qaddisin ħareġ rasu mit-tieqa tal-kaless u baqa' jħares dejjem naħa waħda. Martu, is-sinjura Roża, u bintu Grazzja staqsewh: "X'int tara ġdid ir-raħal", u hu b'leħen imnikket wieġeb: "Fuq il-Knisja l-Kbira ġa qiegħda tperper il-bandiera ta' tliet kuluri".

Nafu issa kemm kienet ta' ġieh l-imġiba ta' Stanislaw Gatt taħt il-ħakma ta' l-Ordni, iżda biex inkunu ġusti nagħmlu din il-mistoqsija lilna nfusna. Seta' hu bħala Sindku tar-raħal jitlaq lin-nies mitluqin taħt idejh fis-siegħa tat-tiġrib? Bniedem li jkollu fuq spallejh ir-responsabbiltà ma għandux jerħi postu fl-aqwa siegħa, biss meta tifli bir-reqqa ċ-ċirkustanzi kollha tara li s-Sur Slaw mexa bil-prudenza bħal ma jagħmel dak il-Ġeneral li meta jsib ruħu mdawwar mill-għadu bla ebda tama li jista' jissielet hu dmir waħdani tiegħu li jirtira biex ikun jista' jiġġieled jum ieħor.

Mal-bidla tal-Gvern saret taqliba kbira fil-liġijiet ta' Malta. Napuljun fl-għaxart ijiem li għammar fil-Gżira niżżel il-liġijiet meħtieġa. Min tmasħan, min tmeżmeż, min infiska, imma dan ma sewa għal xejn għax kif igħid il-Malti, għall-magħmul ma hemmx kunsill. L-amministrazzjoni tal-pajjiż waqgħet issa f'idejn Vaubois, Regnaud u Ransijat, kull wieħed b'taqsima għalih. U Malta ġiet maqsuma fi tmien Muniċipalitajiet. Kull Muniċipalità kienet immexxija minn Kumitat magħmul minn President, Segretarju u ftit membri, ilkoll nies magħrufin bid-dmir li jwettqu l-ordnijiet maħruġin mill-Gvern u jressqu quddiem l-awtorità l-ħtiġiet tal-poplu.

Wara żjara ta' ħsara f'daru, is-Sur Slaw għandna nifhmu li ġie milqugħ mill-kbarat Franċiżi u tarrfulu bil-għażla tiegħu ta' President tal-Muniċipalità ta' Ħal Fornaro u Ħal Luqa. Wieħed jista' jaħseb kif ħadha din il-bxara l-ispiżjar ta' Ħal Fornaro: għall-ewwel telagħlu demmu għal rasu, qarmeċ snienu, għaqqad il-ponnijiet ta' idejh u ħabat sa jitlef l-ilġiem...... iżda ftakar

malajr min kien u nduna li aħjar ibiddel imġibtu. Iżżaħajr lil dawk is-sinjuri u telaq lejn il-Belt Pinto.

Dak il-lejl ma setax jagħlaq għajnejh u baqa' sat-tbexbix ihewden fuq il-wiċċ tost u b.a mistħija ta' wlied Napuljun: l-ewwel ikissrulek darek imbagħad j'stednuk biex tagħtihom l-għajnuna tiegħek. Dam iberren il-jum kollu u fl-aħħar qatagħha li jsir President, għax kif irraġuna hu ma riedx jagħti pjaċir lill-Franċiżi billi jisfidahom. "U...... ma nafx...... nista' bħala President inkun ta' faraġ għall-poplu tiegħi", ħaseb bejnu u bejn ruħu.

Il-Kummissjoni tal-Gvern fil-laqgħa tat-3 ta' Lulju 1798, għażlet is-sinjuri li kellhom jiffurmaw il-Kumitati tal-Muniċipalitajiet. Ħal Fornaro flimkien ma' Ħal Luqa kien il-ħames Muniċipalità taħt it-tmexxija tas-sinjuri Stanislaus Gatt, apoticaire, President; Emmanuel Micallef, medecin; Albert Camilleri, proprietaire; Luis Xavier Grech, notaire; Horace Ellul, propretaire du Casal Lula; Joseph Casha, Secretaire (9). Minn dawn is-sitta min-nies ħamsa kienu minn Ħal Qormi jew Ħal Fornaro, kif kien għal żmien twil magħruf ir-raħal ta' San Ġorġ.

Il-Kumitat beda x-xogħol tiegħu u l-ordnijiet ma naqsux. Dawk ta' xeħta indifferenti jew ta' siwi bla ħsieb ta' xejn kienu jiġu mwettqa, iżda oħrajn li setgħu jkunu ta' ħsara għall-poplu kienu jitħallew fuq il-mikteb. Nistħajjel min igħid: "Seta' jsir dan?" Iva u sar tabilħaqq mingħajr ma s-Sur Slaw qagħad jaħseb f'ġildu. Dan nistgħu nippruvawh b'ittra mibgħuta lill-Kumitat "Du Canton Fornaro le 14 Fructidor de l'an vi de la Republique", iffirmata minn Bosredon Ransijat u mis-Segretarju Generali Doublet. Din l-ittra titkellem fuq il-ħtieġa li l-Maltin jidħlu baħrin fil-flotta Franċiża, u fiha nsibu ċanfira iebsa: "Et toutes les fois qu'un order quelconque vous est donnè par la Commission vous devez, Citoyen, sans delai le mettre a excecution..." — "U kull darba li x' ordni jiġi mogħti lilkom mill-Kummissjoni intom, Ċittadini, għandkom bla dewmien twettquh......" (10).

Iż-żmien taċ-ċanfir kien għadda, għaliex jumejn biss wara l-ittra li semmejna, jiġifieri fit-2 ta' Settembru 1798, il-Maltin imxebbgħin sa mneħirhom mill-imġiba ħażina tal-Franċiżi ġiet-

(9) Deliberation Arch. Ms. 6523 p. 148.

(10) Lettres escrites par la Commission de Governement, Arch. Ms. 6524 bis.

hom ix-xoqqa f'moxtha meta nies mibgħutin mill-Gvern ittantaw ibigħu t-tapezzerija tal-Knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina. Tokki ta' qanpiena xegħlu l-Imdina kollha u wara ftit sigħat irvellaw l-irħula kollha. Ħal Qormi ngabar bi ħġaru wara d-dar tas-Sur Slaw. Dan (minflok hedded lin-nies u ma riedx iqassam l-armi bħas-Sur D'Oste ta' Ħaż-Żebbuġ), fiehem in-nies li dmirhom hu li jingħaqdu mal-Maltin l-oħra u jeħilsu darba għal dejjem mill-Franċiżi.

Malta saret ħuġġieġa waħda: biex kollox isir sewwa u bla tfixkil, ingħażlu żewġ kapijiet tal-Maltin, Caruana u Vitale; flirħula twaqqfu Kumitati biex irawmu l-Battaljuni. Ħal Qormi sar Kumitat ta' l-Imblokk u fih is-Sur Slaw kien President; bdew jinbnew xi Batteriji. L-Isqof Labini fuq it-talba ta' Vaubois bagħat ittra lill-Kappillani tar-rħula biex iberrdu lill-poplu. Ma sewa għal xejn: il-Maltin la qamu riedu juru snienhom.

Il-Qriema qabdu l-azzarini u daħlu fil-Battaljun tar-raħal taħt il-kmand ta' Slaw Gatt; imma mhux la kemm tgħaqqad il-battaljun, trid l-ikel u l-flus biex tħallas il-familji; qamħ u għalf u bosta ħtiġiet oħra, iżda bil-ħsieb kollox isir. Sar appell lill-poplu għall-ġbir tal-flus u kulħadd ta li seta'. Is-Sur Slaw neħħa minn ġidu u minn flusu biex igħin il-Battaljun, "e con somministrare del proprio effetto e denaro per sostentamento del Battaglione...... con ipotecare i propri beni in somma considerabile..... persuadendo anche le altre persone facoltose della citta (Pinto) a fare il simile" (Mifsud — Sovranità Inglese su Malta). Min ma setax jagħti silef u fil-Bibl. (Ms. 562 Univ.), insibu li tmienja u għoxrin ruħ, żgur minn Ħal Qormi, silfu bejniethom fuq it-3,200 skud li għal dak iż-żmien kienu kemxa flus sewwa (skud dak iż-żmien isarraf lira tal-lum jekk mhux aktar).

Is-Sur Slaw u Dun Benin Gauci, li ħadem bla mistrieħ għall-Battaljun bħala Provditur, intefgħu għax-xogħol b'ruħhom u ġisimhom: fit-18 ta' Ottubru 1798, ħadu f'idejhom is-somma mislufa ta' 3,500 skud; fl-10 ta' Novembru irreġistraw 1,965 skud kontribuzzjonijiet mill-poplu u għamlu kuntratt għax-xiri ta' 1,800 skud qamħ biex jinġieb minn Sqallija (Sirakuża); għaxart ijiem wara krew l-iskuna "Beata Vergine della Margana", li ġġib il-bandiera Ingliża, ankrata San Pawl il-Baħar; fil-25 ta' l-istess xahar ġabru 600 skud ieħor u fit-2 ta' Diċembru 1798 ikkuntrattaw ix-xiri ta' 2,466 skud oħra qamħ. Min jista' jqis is-saram, it-tfixkil, u t-taħbit li ltaqgħu miegħu Slaw u Dun Benin flim-

kien ma' sħabhom tal-Kumitat biex għamlu dan kollu f'anqas minn xahrejn. Kemm għaraq u ġiri swielhom u fuq kollox min jafulhom il-lum?!

Is-suldati Qriema kienu miżmumin tajjeb bis-saħħa tas-Sur Slaw u ta' Dun Ben'n. Naraw li l-qassis kien jaħsbilhom għal ħafna vitamini billi kien joħorġilhom fir-razzjon il-larinġ (aktarx biex jikluh mal-ħobż), hekk li bejn l-20 u l-24 ta' Jannar 1799, ittieħdu mill-ġnien tal-Kontessa Bologna 545 tużżana larinġ "per servizio del Battaglione di Casal Fornaro". U xi kemm kien hemm suldati? Mifsud (op. cit. p. 278), — da una copia del Colonnello F. Gatt — jikteb li l-Battaljun ta' Ħal Qormi kien magħmul minn 3 kapijiet, 9 surġenti, 9 kapurali, 111 suldati u 25 kannuniera: b'kollox 157 ruħ. Dawn aktarx biċċa biss mill-Battaljun ta' Ħal Qormi, dawk li kellhom taħt idejhom it-trunċiera tal-Giżwiti; il-kumplament kienu jħarsu l-Batterija tas-Samra. Fuq l-għadd tan-nies ta' din il-Batterija ma nistgħu ngħidu xejn għax ma sibna l-ebda tagħrif.

Kif għedna fuq, l-ewwel ħsieb kien għall-qamħ u, għalkemm inxtara ħafna, dan ma kienx biżżejjed għall-ħluq imġewħa tal-Maltin li jgħaddu biss bil-ħobż, hekk li f'April u Mejju 1799, waqa' fuq il-gżira ġuħ kbir, mard u uċuħ ħżiena. Il-Maltin ħabtu jaqtgħu qalbhom iktar u iktar meta Sqallija kienet ukoll imhedda mill-Franċiżi; għalhekk ġie mlaqqa' l-Kungress fl-aħħar jum ta' Marzu, biex ir-Re ta' Sqallija jittrasferixxi s-Sovranità ta' Malta lil Gran Brittanja. Din it-talba ġiet iffirmata mir-Rappreżentanti tal-Kampanja u ta' min jinnota li taħt l-ewwel firma tal-Kanonku Saverju Caruana hemm dik ta' "Stanislao Gatt Rappresentante di Casal Curmi" (11).

Ġuħ, mard, għaks u kull xorta ta' twegħir ieħor ma seta' qatt idgħajjef 'il-Maltin qawwijin f'fehmthom daqs l-azzar. Jekk jibqgħu sodi r-rebħa tkun tagħhom. L-għajnuna ta' l-Ingilterra u dik tal-Portugall għinuhom qatigħ, iżda dawn ma kienux kollox, bħalma forsi jridu nifhmu xi wħud mill-kittieba. Kieku l-barranin ma rawx il-qlubija, il-ħeġġa, ir-rieda u l-għaqal tal-Maltin żgur li qatt ma kienu jagħtu każ tagħna u ma kinux ser jaħlu uqija porvli u azzarin w'eħed għall-kawża Maltija. Iżda meta fehmu xi ssarraf il-ħila tal-Maltin raw li kien jaqbel politikament u raġjonevolment, li jgħinu lil misserijietna għax kienu jafu li l-balal u l-kanuni f'idejn il-Maltin ma kinux mormija.

(11) Hardman, History of Malta, p. 204.

Il-Maltin matul l-Imblokk setta' kellhom qtigħ ta' qalb, imma qatt ma naqsit lhom il-ħeġġa u żammew posthom fuq il-batterji u fit-trunċieri; baqgħu jgħassu u jistennew il-ħbit tal-għadu. Meta s-suldati Ingliżi niżlu l-art biex jagħtu aktarx daqqa ta' għajn mili daqqa ta' id tagħhna ma qalux, "issa nistgħu norqdu jew nnikkru": il-għeda ma ntemmitx għall-Maltin, għaliex huma mietu u baqgħu jmutu sa l-aħħar, waqt li l-Ingilterra ma tilfet il-ebda bniedem.

Il-Maltin ta' ġewwa l-Belt uħud minnhom raw ukoll u kienu bil-moħbi jgħarrfu lil tal-kampanja b'dak li kien jiġri fost il-Franċiżi, hekk li kien qiegħed isir il-ftehim biex ta' ġewwa, immexxijin minn Dun Mikiel Xerri, jiftħu l-bibien ħalli tal-kampanja jidħlu u jtemmu l-Imblokk. Kulħadd jaf bil-martirju ta' Dun Mikiel u sħabu u mhux possibbli intennu hawn l-isbaħ ġrajja ta' pajjiżna, iżda rridu nuru li ħutna l-Maltin ta' ġewwa ħadmu id f'id ma' ta' barra. Il-Bibljoteka hemm manoskritt (Bibl. Ms. 1238 p. 40), li jagħti l-isbaħ xhieda tal-ħidma tagħhom. "Oqogħdu attenti", javżawhom, "minn xi nies li qed jitħalltu magħkom li bil-għajnuna tal-flus iridu joħolqu bejnietkom il-firda li ġa semmejtilkom...... kif ukoll mis-sortita li għandha ssir aktarx għada jew għaż-Żejtun jew għal Ħal Qormi. Dawn huma l-aħħar sforzi".

Għalkemm il-Maltin qatt ma ħadu xejn biċ-ċajt, it-tagħrif li semmejna fuq kien aktar jiftħilhom għajnejhom jew, kif ngħidu bil-Malti, kienu joqogħdu b'seba' għajnejn u ma nistgħaġbux jekk kull ksur ta' dixxiplina waqt is-servizz kien jitħallas bl-aħrax. Meta Slaw Gatt u sħabu tal-Kumitat ġew imgħarrfa li saru xi abbużi fit-Trunċiera tal-Ġiżwiti (di Pesci), ħadu l-passi meħtieġa. Il-Kumitat Qormi, magħmul minn Gatt, President, u l-membri Dr. Emmanuele Micallef, Saċ. Giuseppe Micallef, Salv. Sciberras u Giuseppe Micallef, li deher għal Giov. Cilia, qatgħu li Salvatore Galdes u Benedetto Scicluna jiġu mneħħijin minn posthom u mitfugħin fiċ-ċipp. Galdes li kien Ajjutant u Scicluna Scrivan tal-kamp, fid-9 ta' Mejju 1800, għamlu matul il-lejl festa bid-daqq u ż-żfin, bl-ikel u x-xorb, flimkien ma' nies barranin mistednin minnhom. Galdes u Scicluna ġabru ħafna xhieda favur tagħhom biex itaffu ftit mill-ħtija. Fost l-oħrajn insibu dikjarazzjoni ta' l-Officer in Charge Ingliż James Weir. Dan ħadha kontra l-Kumitat għax ma qagħadx jistenna d-deċiżjoni tal-Qorti. Li kien għal Weir l-abbużi kienu joktru bis-sigħat u mhux jinqatgħu (Bibl. Ms. 1059).

Jidher tassew ċar li Stanislaw Gatt qeda dmiru b'kuxjenza u rettitudni f'kull kariga li kellu fit-tnejn u għoxrin sena ta' ħajja pubblika. Ma nafux għal liema raġuni sewwa rtira, biss mill-1801 jidher għar-raħal il-Logutenent Manwel Gellel. Fis-sena 1800, Stanislaw Gatt kellu 56 sena u seta' kien għajjien. Ġużè Muscat Azzopardi ra b'għajnejh dokumenti li juri kemm Gatt kien tabilħaqq għajjien u mħabba saħħtu talab lil Ball biex jirtira minn Kmandant tal-Battaljun tal-Belt Pinto. Ball għarraf li tista' ssir l-għażla ta' Kmandant ieħor, iżda minn dan kollu ma sar xejn għaliex il-Qriema ma ħallewhx jitlaq (12). Malli rtira Slaw Gatt Ħal Qormi bata bis-sħiħ u għadda tliet snin sħaħ ta' martirju.

Fid-9 ta' Frar 1801, Stanislaw Gatt ħa għal għamilu ċertifikat u midalja tad-deheb. Maqlub bil-Malti jgħid hekk, "Aħna Alessandro Giovanni Ball, Gvernatur tal-Gżira ta' Malta. Nistqarru l-mertu tiegħek Stanislao Gatt u l-ħeġġa murija fil-ħarsien ta' Art Twelidek fit-2 ta' Settembru 1798 kontra l-Franċiżi u nistqarru l-qlubija taili offrejt ruħek bħala Rappreżentant tan-nies ta' Ħal Fornaro biex jingħaqad il-Kungress fl-aktar żmenijiet ta' tiġrib. Għalhekk nagħtuk dan flimkien ma' midalja tad-deheb biex isservi għalik, għall-familja tiegħek kollha ta' tifkira dejjiema u ta' ġieħ. M's-Segreterija ta' l-Eċċellenza Tiegħu, 9 ta' Frar 1801. Alex. J. Ball" (Mifsud op. ċit. p. 380).

Wara li ħa l-midalja s-Sur Slaw sar mill-ġdid l-Ispiżjar tar-raħal kif kien qabel, iżda bid-differenza li issa kien l-aktar bniedem miġjub, jaf il-Qriema sewwa u l-ħtiġijiet tar-raħal. Id-dar tiegħu saret qisha l-knisja min hu deħel u min ħiereġ. Għall-pariri, għal xi kitba, ftehim, jew biex isewwi ġlied kulħadd ifittex lis-Sur Slaw biss. Hu jismagħhom, ifarraġhom, jaqdihom u jgħidilhom li Manwel Gellel, il-Logutenent, jista' jirranġalhom aħjar. Mid-debra ħadd ma kien irid jaf f'Gellel; dan ma kienx dħuli u qalbu f'idu bħas-Sur Slaw, anzi ħaduh fuq demm id-dars u kellhom raġun.

Mal-miġja ta' Gellel beda l-għawġ; in-nies tgerger għax maħqura u mġiegħla tħallas pwieni għal xejn b'xejn; konfiska ta' ħwejjeġ ta' l-ikel u ta' flus; tfigħ fiċ-ċipp għall-ebda ħtija; tfittix fid-djar; tħarrik bil-gzuz; xogħol ta' bilfors u bla ħlas u fl-aħħar biex ikun sar kollox xi fastidju lin-nisa u x-xebbiet. Ħal Qormi donnu reġa' waqa' taħt il-ħakma tat-tiranni bħal żmien Monroj.

(12) Muscat Azzopardi "Nazju Ellul", l-Ewwel Edizzjoni dokumentata.

Din il-ħakma bla għajb u mistħija damet minn l-aħħar tas-sena 1800 sa Ottubru tas-sena 1803.

U l-kbarat tal-Belt Pinto għalqu għajnejhom u saddew widnejhom għal kull ma kien qiegħed jiġri madwarhom? Ħadd minnhom ma għolla leħnu, ħadd ma qabeż għal għajru? Is-Sur Slaw, it-Tabib Micallef, in-Nutar Grech, il-Kappillan Formosa, il-familja Casha u l-bqija kollha inmutaw? Dawn f'għajnejn il-Gvern kienu ġew impinġija ħażin minn min kien hekk jaqbillu; barra minn dan Gellel kien maħbub iżżejjed mill-Ingliżi għal raġunijiet moħbija u għalhekk kellu ħafna arja żejda. Hu kellu r-riħ fil-qala' u kien wieħed mill-fidili tal-Gvern: b'xhieda ta' dan isemmu li l-Gvern kien ta lil Gellel pensjoni sigrieta ta' 20 skud (13); il-Gvern ukoll ma ħax passi kontra tiegħu meta tefa fil-ħabs tal-Qorti Kapitanali t-tfajjel Ġorġ Debono. Fl-aħħarnett meta l-Gvern kellu tabilfors ineħħih għall-amministrazzjoni ħażina tiegħu l-istess Gvern tah post ieħor għax dan Gellel, li ftit qabel kien seraq Ħal Qormi, issa sar "uomo onesto e leale e attaccato al Governo di sua Maestà" (14). Min jisraq bil-provi u jiġi mkeċċi jerġa' jieħu impjeg ieħor għaliex hu onest u fidil. Gellel aktarx qeda tajjeb lill-Gvern u dan biex ipattilhulu ħallieh jagħmel li jrid bi ħsara kbira ta' l-imsejkna Qriema.

Wara li għidna dan kollu nifhmu malajr għaliex u la Stanislaw Gatt u lanqas ħaddieħor ma seta' jrażżan il-moħqrija ta' Gellel kontra l-Qriema; meta l-ħuta tinten minn rasha jkollok tibqa' xxommha...... Iżda ġara li r-riħa waslet ukoll f'imnifsejn il-Gvern u fl-aħħar dejqitu u ħaslet tnitten lilu wkoll. Għalhekk saret inkjesta biex is-Sur Gellel jiġi ġustifikat mill-għajdut qarrieqa tan-nies. Miskin Gellel kemm kien ta' sebgħu f'ħalqu! Fl-inkjesta li damet sejra mit-28 ta' Ottubru sat-23 ta' Diċembru 1803, ġie iġġustifikat il-poplu, waqt li misjub ħati Gellel. Dan il-bniedem li sewwed l-istorja ta' Ħal Qormi u nikket bosta qlub kien wasal biex hedded lis-Sur Slaw bl-armi u ried jarrestah biex ma jikxiflux dnubu, fl-aħħar waslet sigħetu u bil-Proklama tat-13 ta' Jannar 1804, ġie mneħħi minn Logutenent tal-Belt Pinto. Il-kliem testwali huma :— "La rimozione d'Emmanuele Gellel dall'impiego di Luogotenente della Città Pinto" (15).

(13) Mifsud op. ċit. p. 322.
(14) Ms. Univ. 585 f. 47, miżmum il-Librerija.
(15) Bib. Ms. 431 (Bandi 1804-1808) carta 8.

Ħal Qormi ħa r-ruħ u feraħ kulħadd meta laħaq Logutenent in-nutar Qormi Saver Grech. Dan kien galantom magħruf minn kull Qormi sa minn żmien qabel u k'en fil-Kumitat ta' l-Imblokk tas-sena 1798 u għaldaqshekk kien ħobż u sikkina mas-Sur Slaw. Flimk'en dawn iż-żewġ irġ'el tħabtu biex il-Gvern ifittex iħallas lil min k'en ħareġ flusu għad-difiża tal-gżira tul l-imblokk. Is-Sur Slaw kellu j'eħu kemxa sewwa u bħalu kien hemm oħrajn, imma Gatt xtaq jitħallas id-dejn, mhux biex idaħħal flusu, iżda biex dawk li hu stess kien ħajjar jagħtu għal pajjiżhom ma jgergrux. Id-dejn tħallas bil-mod il-mod u kien ilu mejjet ħafna snin meta fl-aħħar kulħadd ħa sehmu.

Is-snin baqgħu jgerbu waħda wara l-oħra u l-ħajja fir-raħal reġgħet qabdet il-kamin ta' qabel. Wasal Marzu tas-sena 1811 u l-poplu beda jaħseb għall-festa ta' San Ġorġ. Fuq iz-zuntier tal-knisja geġwiġija nies jistaqsu għal min ħareġ il-Vjatku bil-għaġla; ħadd ma jaf li kien hemm min hu ħażin. Għal min? Min hu fl-aħħar? Wara ftit ġriet ix-xniegħa "Mieñet it-tifla tas-Sur S'aw. Miskin, tifla waħda biss kellu. Ara kemm sa jeħodha bi kbira. Alla biss ir'd isabbru". U ma' dan il-kliem in-nies marret bilġri biex tagħti daqqa t'id lis-Sur Slaw li sab ruħu f'dak il-baħar ta' niket.

L-għada, l-4 ta' Marzu 1811, il-qniepen imnikkta bdew idoqqu għad-difna tas-sinjorina Grazzja Gatt. Xi ħadd qal, "Din mewt oħra". Kienet mewt, għax ftit qabel kien ħalla 'l Ħal Qormi għal dejjem il-qalbieni Stanislaw Gatt (16).

U fejn jinsab il-monument lil Stanislaw Gatt? Liema tifkira għamillu l-poplu Qormi u Malti? Kif urejnieh il-qima tagħna? Sk'et! Bruda! Xejn!

U kieku ma kienx Mons. Mifsud li ċaqalqu minn qabru u l-kitt'eb Qormi, Ġużè Muscat Azzopardi li tah libsa xierqa fir-rumanz "Nazju Ellul", kieku l-lum ħadd ma jaf b'ismu u għemilu kien jindifen ma' ġismu.

Aħna li nafu kemm għamel għal Ħal Qormi u għal Malta, għandna dmir li nfakkru ismu b'xi lapida, b'xi triq jew pjazza xierqa msemmija għalih biex ma ngħidx b'monument ukoll.

(16) Il-fidiiet tal-mewt ta' S'aw u bintu jidhru fuq xulxin fl-Arkivju tal-Parroċċa ta' S. Ġorġ, Ħal Qormi, Liber Defunctorum B. (1778-1822), u ġew riprodotti f'"Il-Berqa" ta' l-4 ta' Marzu 1952, fl-anniversarju ta' mewtu.

**KORRISPONDENZA:**

# Malapropismi fl-Ilsien Malti

PROV. ECCLES. SEMINARY,
Victoria — Australia.
27 ta' Ottubru, 1953.

Sur Editur,

F'Il-Malti ta' Settembru, 1953, deher artiklu interessanti taħt ir-ras "Malapropismi fl-Ilsien Malti" tas-Sur Albert M. Cassola.

Jiena u naqra l-lista sibt li s-Sur Cassola jistma l-kliem tagħna "Mhux Nisrani" bħala malapropismu meta bl-Ingliż wieħed irid ifisser 'Non-Catholic'. Ħsibt li kieku l-kittieb kellu jittraduċi "Non-Catholic" kien jikteb "Mhux Kattoliku". Sa hawn kollox sewwa. Imma meta rajt li "Mhux Nisrani" stmaha bħala malapropismu, ikkonkludejt li l-kelma "Nisrani" kien qed jagħtiha l-istess tifsir ta' "Kristjan". Jekk inħallu jiġri dan, inkomplu nħabblu moħħ il-Malti li minn dejjem fehem li "Nisrani" huwa l-membru tal-vera Knisja ta' Kristu taħt it-treġija tal-Papa. Lill-oħrajn il-Malti jsejħilhom li jrid, imma QATT "Insara".

Fil-waqt li bl-ebda mod ma rrid niddubita mill-intenzjoni tajba tas-Sur Cassola, ħsibt li nuri l-idea tiegħi dwar dan is-suġġett, u fl-istess ħin nagħti okkażjoni biex inħollu t-taħbil li kultant isir bejn il-kelmiet "Nisrani", "Kristjan" u "Kattoliku".

Ħadd minna ma jaf meta l-kelma "Nisrani" ntisġet mal-lingwa tagħna, imma nistgħu nobsru li twieldet fl-istess żmien meta missirijietna tgħammdu minn idejn San Pawl u saru jemmnu fin-Nasri, fi Kristu l-Iben t'Alla, u jistqarru kulma għallem.

Il-kelma "Kristjan" insibuha użata għall-ewwel darba fl-Atti ta' l-Appostli (XI, 26), u m'għandniex x'ingħidu tfisser wieħed li jimxi wara Kristu, u billi dak iż-żmien din il-kelma kienet tfisser il-membri tal-vera Knisja, aħna nittraduċuha bil-kelma "Nisrani". Wara dehru setet li, għalkemm ma jemmnux bir-Rivelazzjoni kollha, jemmnu bi Kristu, u għalhekk sejħu lilhom infushom "Kristjani" bħalma kienu x-xiżmatiċi tal-bidu u l-mijiet ta' setet Protestanti. Jissejħu "Kristjani", imma aħna ma nġerrgħu qatt li nsejħulhom "Insara". Aħna nistgħu nissejħu "Kristjani", iżda aħna l-veri Kristjani, jiġifieri "Kattoliċi", "Insara". Il-kelma "Nisrani" hi għażiża għalina, u l-poplu Malti sa minn dejjem taha t-tifsir li jixirqilha, tifsir strett daqs il-kelma "Kattoliku", xi ħaġa wisq aktar minn sempliċi "Kristjan".

Il-kelma "Kattolika" nsibuha miktuba għall-ewwel darba fl-Ittra li San Injazju kiteb lill-Insara ta' Smirni madwar is-sena 110. Fil-bidu tat-tielet seklu beda jitfisser "it-tagħlim veru kontra t-tagħlim eretiku". Luteru ma qabillux jistqarr fil-Kredu ta 'l-Appostli: "Nemmen fil-Knisja Mqaddsa Kattolika", u għalhekk biddel il-kelma "Kattolika" fi "Kristjana": "Nemmen fil-Knisja Mqaddsa Kristjana". Kienet tkun barra minn lokha għalina li kellna nittraduċu dan l-artiklu tal-Kredu Luteran bil-kelmiet: "Nemmen fil-Knisja Mqaddsa Nisranija", jekk in-

ħaqqu li l-kelmiet "Nisranija" u "Kristjana" ifissru l-istess ħaġa. *Nisranija* u *Kattolika* jfissru l-istess.

Mela meta nkunu rridu nużaw dawn il-kelmiet għandna nżommu f'rasna dawn il-punti:

(1) Meta rridu nfissru t-tagħlim jew il-membri tal-Knisja taħt ir-Ras Viżibbli, il-Papa, għandna ngħidu "Insara" u mhux "Kristjani", anki jekk fil-Latin insibu "Christiani". Bosta kittieba Insara Latini jiktbu "Christiani" meta ma jifhmux jinkludu s-setet.

(2) Meta rridu nirriferixxu għal dawk li jsejħu lilhom infushom segwaċi ta' Kristu niktbu "Kristjani". Din il-kelma tinkludi wkoll il-veri Kristjani.

(3) Il-kelma "Catholic" nistgħu nittraduċuha jew bil-kelma "Kattoliku" jew b'"Nisrani". Fil-kelmiet "Nisrani Kattoliku" nifhmu nagħmlu enfasi ladarba m'hemmx Nisrani li mhux Kattoliku.

(4) "Non-Catholic" tfisser "mhux Nisrani". "Sects of non-Catholic Christians" huma "setet Kristjani, li mhumiex Insara". Regula importanti hi li QATT ma ngħidu "Nisrani" meta nifhmu "Non-Catholic Christian". Il-kelma "Nisrani" għandha titħalla BISS għall-membru tal-vera Knisja, il-Knisja waħda, qaddisa, Kattolika, u Appostolika.

Nirringrazzjak bil-qalb.

Għoddni tiegħek,
ĠUŻI ABELA.

---

## MARIJA SULTANA

### *Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Daħlet fi bwieb il-hena u dlonk madwarha
daret il-kotra t'anġli ttir ferħana:
f'ġieħ li kienet tal-Mulej l-għamara
inħallet l-isna tas-smewwiet fil-għana.

U f'daqqa siket kollox, xħin dawwara
ta' tnax-il kewkba qiegħed b'Id setgħana
il-Wild maħbub fuq ġbinha, u kollu ħrara
sellem lill-Omm tas-sema u l-art Sultana.

U dwiet mas-saltna tal-henjin il-għajta
ta' ferħ u għaxqa, u fuq mewġiet ħarkiena
waslet u sebqet ta' din l-art ix-xtajta.

Imbagħ'd min-nir bil-mod bdiet riesqa dija
fiddiena, u f'nofsha, bi tbissim ta' ħniena,
Sultana tal-ħolqien dehret Marija.

# FABBRIKA GDIDA TAL-MALTI U L-ARTI MODERNA

*Ta'* A. Cremona

KULTANT taħseb li saret xi fabbrika ġdida tal-Ilsien Malti meta taqra kliem imsawwar kontra l-użu jew ix-xejriet tal-Ilsien Malti b'mod li tħoss il-kelma ġdida dloqq ħażin u żżarżar f'widnejk.

Jien m'iniex qed ingħid għal dawk in-neoloġiżmi li jitfasslu minn għeruq u jissawru skond ma titlob ix-xeħta grammatikali u fonetika tal-Malti, imma, l-ewwelnett għal dak il-kliem *safi* li għalkemm ta' nisel semitiku mhux dejjem joqgħod u jtellef il-veru sens u l-effett tat-tifsira tal-kelma, u mbagħad għal dak il-kliem li jissawwar minn għerq jew mamma Maltija kontra s-sengħa, u din hi waħda mill-għadiet jew aħjar manija ta' xi kittieba ġodda żgħażagħ li jħobbu jażaw dan il-konn ġdid biex jifformaw kliem ġdid minn materjal ta' għeruq Maltin.

Il-kliem ġdid li s'issa daħal minn ilsna barranin (u li issa sar Malti) m'għandniex inbarruh u floku ndaħħlu kliem safi li ma jagħtix il-veru sens li rridu. Fiż-żminijiet li aħna fihom illum, ta' taqlib u tiżwiq ta' ħajja, ta' drawwiet ġodda, bżonnijiet ġodda u idejjiet ġodda, il-Ilsien Malti kellu jitgħammar bi kliem ġdid, xi mindaqqiet bit-tletin fil-mija, u aħna ma nistgħux noqogħdu nsaffu minnu biex fih jibqa' biss dak is-saff primitiv li bih konna nitkellmu xi 900 sena ilu, biex ma ngħidx ukoll elf sena ilu. Li kieku mill-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs kellna nwarrbu kull kelma ġdida li daħlet f'ilsienna, tridx tgħidli x'kien jibqa' fih il-Malti? — Hija ħaġa minn ewl id-dinja illi sa mill-bidu ta' żmien l-Ordni l-Malti kellu wkoll jissabbar u jimxi wara dak kollu li ħtieġu minnu ż-żminijiet, jiġifieri jitgħammar bi kliem ġdid skond it-tibdil u progress fil-ħajja ekonomika tal-pajjiż, iżda mill-banda l-oħra ħtieġ ukoll li wieħed irażżan il-mewġ qawwi ta' dan it-taqlib u tiżwiq żejjed fil-vokabularju Malti.

Kliem ġdid li l-lum dlonk tisma' minn ħalq xi nies, bħalma huma: *ippublixjaħa* (flok *ippubblikaħa*), *jiffelja*, *jisswankja*, *jillawdja*, *jikkraxxja* *jifforwardja*, *jibbulja* u kliem ieħor li daħal f'ilsienna mill-Ingliż, xi mindaqqiet mill-Ingliż baxx (*slang*), mhux ta' min jilqgħu bil-qalb, l-iktar fil-kitba; kliem, imbagħad, bħalma hu dak li daħal mat-traffiku ġdid ta' l-inġenji talmutur, bħal: *ipparkja*, *skiddja*, *irriversja*, eċċ., kif ukoll kliem

ieħor ta' *sports* u logħob jista' wieħed iżidu (iżda b'ċertu għaqal) fil-lista ta' kliem modern fil-lessiku Malti, flimkien ma' dak l-ieħor li daħal f'kull mekkaniżmu u rkaptu ta' sengħa ta' l-elettriku, inġinerija u karpenterija ġdida, bħalma kien **daħal, u l-**lum sar Malti, il-kliem Sqalli u Taljan tas-snajja' ta' mastrudaxxi, ħaddieda u tan-navigazzjoni, sajd, kaċċa, eċċ., miż-Żminijiet tan-Nofs sal-lum. Ta' min, iżda, jikkundanna t-tiswir ta' kliem ġdid maħluq biex jwarrab ċerta terminoloġija konvenzjonali ta' l-avjazzjoni jew ta' xi arti ta' kitba fil-qosor, bħalma, ngħidu aħna, il-kelma *mitjar* (li tixraq fil-versi iżda le fil-proża) flok *ajrudrom* (vis-à-vis ma' kliem ieħor bħal *ajruplan*, *mikrofonu*, *ċinema*), il-kelma *sinktib* flok *stenografija*, kif ukoll mill-banda l-oħra ta' min jiskarta espressjonijiet bħal dawn li daħlu fostna mal-frażarju Taljan-Sqalli: *sa lu mank*, *peress*, *in kwantu*, li jistgħu jitfissru iżjed tajjeb bi kliem Malti bħalma hu: *għallinqas*, *billi*, *għal dak li*.

L-użu tar-*radio* ġagħalna 'l hawn u 'l hinn naddattaw xi kelma safja flok xi oħra teknika Ingliża. Il-kelma *xandar* flok *ibbrodkastja* hija waħda mill-kliem sinonimu li ma tweġibx sewwa sew biex tagħti l-vera tifsra tat-trasmissjoni bir-''rediffusion''. Minn din il-kelma jidher illi sar ħafna abbuż fl-użu tagħha mill-kittieba tagħna. Il-kelma *xandar* iktarx għandha tifsira ta' *xerred ħwejjeġ sigrieti*, *xerred fama* (iktarx ħażina) u twieġeb għall-verb Ingliż *to divulge* [let out (secret)]; make public) u għat-Taljan *divulgare*. *propalare*, u għal-Latin *publico*, *manifesto*, *promulgo*. *divulgo rem*. B'semantiċiżmu jista' jkollha wkoll tifsirijiet oħra fis-sens ta' *bandire* (nieda proklama, digriet, avviż uffiċjali, eċċ.), iżda mhux dak ta' *ibbrodkastja*, tħaddet minn fuq ir-''rediffusion'', u aktar u aktar ta' *ippubblika fl-istampa*, bħalma jidher li xi wħud mill-kittieba jifhmu li għandha tfisser, u għalhekk mhux l-ewwel darba li jużawha b'dan is-sens għall-manija tal-puriżmu. Hekk ukoll fil-*boxing* il-kelma *ibboxja* qatt ma tista' tidħol flokha kelma oħra sportiva li twieġeb għall-vera tifsira tagħha.

Barra mill-puriżmu żejjed fil-kliem ta' xi kittieba, ta' min jagħder il-manija ta' xi wħud li fl-applikazzjoni tar-reguli ortografiċi jimxu fuq triq waħda bla ma joqogħdu jqisu jekk regula fundamentali tkunx tgħodd għall-kliem kollu, l-iktar għal xi kliem ta' nisel barrani. Ta' min isemmi għalhekk il-pedanterija ta' xi kittieba awtomi fil-prinċipji ortografiċi tagħhom li

jħobbu jiktbulek: *politiki, demokratiki, pubbliki* flok *politiċi, demokratiċi, pubbliċi*, kelmiet li fl-użu jieħdu d-desinenza tal-plural Taljan bħalma jieħdu kliem ieħor b'inkejja tal-preservazzjoni tar-radikali fil-Malti. Din l-anomalija ortografika, mill-bqija, tidher wisq ċara fid-differenza tal-plural *grammatiki* (nom) u *grammatiċi* (aġġettiv); hekk tal-plurali *kritiki* (nom) u *kritiċi* (aġġ.) fejn it-tielet radikali tas-singulari *grammatico* u *critico* fil-plural jieħdu d-desinenza Taljana *ċi*; u fil-kelma (għalkemm imħassra mill-popolin) ta' *xmaċti*—metatesi ta' *xmatċi*—flok *xismatiċi*, li turi kemm saħansitra f'ilsien il-poplu baqgħet id-desinenza tal-plural *ċi* ta' kliem mit-Taljan bid-desinenza tas-sigular *co*.

Fil-għażla tal-kliem safi wieħed għandu juża sens tal-proporzjon kif ukoll sens ta' l-estetika fil-bini tas-sentenzi b'dan il-kliem. Wara kollox għandna wkoll inġibu quddiem għajnejna li fiż-żminijiet li aħna fihom, ta' evoluzzjoni fil-gosti artistiċi u ta' moderniżmu fil-ħsieb u fl-istil, il-puriżmu sab il-qabar tiegħu.

Żewġ ħwejjeġ huma importanti li naraw u nqisu fil-għażla tal-kliem, l-ewwelnett illi għall-imħabba żejda tal-puriżmu ma nwarrbux dak il-kliem ta' nisel barrani li daħal fil-Malti u li jista' jagħtina t-tifsira preċiża tal-ħsieb tagħna; it-tieni illi nqisu s-*semantika* u *sinonimia* tal-kliem, ħaġa li tagħtina t-tarf biex ma nabbużawx mill-użu tal-kliem safi.

L-imħabba żejda tal-puriżmu f'xi kittieba qiegħda saħansitra tgħarraq l-istil ta' l-arti drammatika moderna Maltija fejn id-djalogu ngħobbi 'l hawn u 'l hinn b'xi kliem safi mdeffes flok kliem jew frażijiet popolari jitlef is-sens, il-qawwa u l-effett tekniku tiegħu.

Milli jidher il-lum il-puriżmu jitolbuh fil-kliem biss, u ċerta klassi ta' *cruscanti*, (jew xi kittieba b'ċerta doża ta' puriżmu fejn il-kliem ta' stil letterarju huwa l-*materja prima*), u donnu li hemm jieqaf biss. Ma nistennewx li għandna nsibuh fid-drawwiet jew fil-modi. Fil-moderniżmu letterarju ġie li nsibu l-maqlub ta' l-arti purista u konservativa ta' stil klassiku, jiġifieri dawk il-liċenzi u stravaganzi ġodda, fil-letteratura moderna, li jħalluk tgħum fl-ajru u fid-degħbien tal-ħsieb fejn, barra minn dan, waħda mill-karatteristiċi huma nuqqas ta' punteġġatura u żbalji grammatikali, li huma wkoll l-ewwel kondizzjonijiet biex xi mindaqqiet tieħu premju letterarju! Xi ħaġa hekk naraw ukoll fl-arti: tgerfix u taqlib ta' gosti u estetika fl-istess tpinġija tan-

natura u dana kollu biex l-arti teħles mill-ktajjen tal-konservativiżmu li rabba l-għanqbut; u biex tasal għal dawn il-kapriċċi, jew *picassismi*, kif isejħulhom it-Taljani, ma tridx toqgħod għar-reguli tal-grammatika u wisq iżjed għal dawk tas-sintassi artistika. Meta niġu għall-kliem erħilu l-purista jgħarbel u jarġa' jgħarbel u jara li kelma jkollha t-timbru tal-fabbrika lokali, fil-waqt li fil-pittura ebda reqqa fil-linji u fond ta' l-arti primitiva medjovali jew klassika. Nistennew li fl-aħħar għad tinbet xi setta ta' puristi tal-pittura u ta' l-iskoltura biex għallinqas ma tagħmelx għajb lil dik ta' ċerta arti f'xi kitba Maltija tal-lum!

---

## O SPEM MIRAM!

*Ta'* VAL. V. BARBARA, O.P.

Jiġu waqtiet, twajjeb Missier, li d-difa
tas-sema tiegħi j'xheb, il-werqiet
torja tat-tama, q'shom f'xi ħarifa
ta' niket, jaqgħu bikri f'art l-imwiet.

U nħoss li ruħi m'għadhiex hekk ħafifa
sabiex tiftaħ il-ġwienaħ lejn l-għoljiet
imqaddsa ta' Sijon, fejn hi nadifa
'n-nixxiegħa tal-ħajr, kollha ħlewwiet.

'Ma xħin inġib quddiem għajnejja lilek,
m'xħut għal wiċċek fl-art f'Santa Sabina
titlob u traħħam lil Ġesù għalija,
kemm ħelwa l-*O Spem Miram* li ngħannilek
tohroġ fis-sliem minn qalbi, kemm ħanina
tkun idek li terfagħni minn kull ħtija.

---

## VARIA ATQUE BREVIORA

**1.—Ir-Radikali fit-tifsira tal-kelma:**

Dawk il-kelmiet li jfissru *għemil kuntrarju* m'għandhom ebda waħda mill-konsonanti tagħhom bħal xulxin, ħlief 'l hawn u 'l hinn xi konsonanti tal-gerżuma: *oħxon-rqiq; tajjeb-ħażin; ħareġ-daħal; tala'-niżel; għalaq-fetaħ; ġie-mar; tqil-ħafif; waqa'-qam; twil-qasir; rebaħ-tilef; ħelu-morr; rabat-ħall; għadu-ħabib; ħaffer-welta; żamm-reħa; ġabar-xerred; faqar-għana; libes-neża'; iebes-artab; sabiħ-ikrah.*

**2.—Konsonanti li jinxorbu fil-Għadd Imtenni:**

Meta fis-singular il-vokali aċċentata tal-kelma jkollha warajha konsonanti mtennija, dik il-konsonanti mtennija ssir waħda fil-Għadd Imtenni jekk warajha jkollha t-T Marbuta:—

Hekk insemmgħu: *ħabtejn* flok *ħabbtejn*; *xuftejn* flok *xufftejn; biċtejn* flok *biċċtejn; rkobtejn* flok *rkobbtejn; qoftejn* flok *qofftejn.*

**3.—Il-forma partiċipali** qiegħed **ta'** qagħad. **Funzjoni grammatikali tagħha:**

*Qiegħed* quddiem verb fl-imperfett jagħti lill-verb it-tifsira ta' partiċipju attiv.

Eżempju: *qiegħed* jew *qed jilgħab; qiegħed jinża'; qiegħed jaqra.*

Fil-verbi intransitivi d-differenza bejn l-espressjoni *qiegħed jinżel* u l-partiċipju attiv *nieżel* hija li fl-ewwel waħda hemm it-tifsira ta' għemil abitwali u fit-tieni hemm it-tifsra ta' għemil attwali.

Eżempju: *Qiegħed jinżel il-Bell kuljum; dal-ħin nieżel.*

**4.—Żvilupp ta' kliem:**

L-iżjed kliem sempliċi f'ilsien Malti huwa dak li hu magħmul mill-vokali twal *a, e, i, o, u.* Dan il-kliem nużawh għal espressjonijiet esklamativi.

*a* (ah!) tfisser ferħ; *e* (eh?) tfisser mistoqsija; *i* (ih) tfisser biżgħa jew stagħġib, ħasda; *o* (oh) tfisser għaxqa; *u* (uh) tfisser waħx.

Wara, jiġi dak il-kliem li hu magħmul minn sillaba waħda, jiġifieri minn konsonanti u vokali, bħalma huma l-kelmiet: *ma, pa, ta,* u xi partiċelli *di(n), da(n), sa, bi fi, le*; imbagħad il-kliem

l-'eħor li hu magħmul minn żewġ sillabi (b'vokali miftuħin) imtennijin, li iktarx issibu f'ilsien it-trabi jew tfal żgħar, bħal: *tetu*, *vava*, *mamma*, *pappa*, *bumbu*, *ċejċa*, *ninni*, *bambu*, eċċ.. b'konsonanti labjali u mhux dentali.

Dan juri f'ilsien Malti, kif ukoll f'ilsna oħra, l-iżvilupp tal-lsien il-bniedem minn ittri vokaliċi onomapejtiċi għal espressjonijiet sillabiċi li bihom bil-mod il-mod ħarġet kull kelma li biha kull ilsien ifisser il-ħsieb ta' min jitkellem.

**5.—Id-desinenza** ier **fi kliem Malai:**

Kelma semitika Maltija ma tistax tispiċċa bid-desinenza *ier*. Il-vokali *a* mkaxkra żżomm il-leħen tagħha bla mittiefes quddiem l-aħħar konsonanti *r*, u ma tikserx f'*ie*. Hekk għandna *swar*. *bjar*, *mrar*, *fwar*, *xrar*.

**6.—**Minn **bis-suffissi pronominali f'espressjonijiet idjomatiċi:**

*Jiġi minnek* (qrubija); *minnek jonqos li ma tiġix*; *minnek jiġi li ma jistudjax*; *għandu minnek* (jixbhek); *x'sar minnu?* *ma jiġix minnu* (ma jixraqx); *ma hux minnu* (mhux tassew); *ħareġ minnha* (l-libsa); *x'minnek? Minnu wiċċu dejjem bil-geddum*.

**7.—**Għal **wara verb:**

*Għal* wara verb jista' jfisser *kontra* jew *favur*.

Kontra: *Dar għalija; għamel għalih; ħabat għalija; qam għalikom; dak mhux għal snienek; tah għalik; għawieh għalija; ħa għalih; dar għal difrejh*.

Favur: *Qabeż għalija; għamel ħafna għalija; talab għalik; waqa' għalih*.

*(jissokta)*

---

## INFAKKRU

**Infakkru lill-Imseħbin f'"Il-Malti" u lill-Membri tal-"Għaqda" sabiex, jekk jogħġobhom, iħallsu regolarment l-ammont li għandhom jagħtu lill-Kaxxier bħala mseħbin jew bħala membri. L-Amministrazzjoni twaqqaf il-ħruġ ta' "Il-Malti" għal dawk, li, wara avviż mill-Kaxxier ma jħallsux ir-rata jew rati li għandhom iħallsu. — Il-ħlas jista' jinbagħat jew jingħata lill-Kaxxier, is-Sur Victor Apap, fl-Uffiċċju tiegħu, l-Istamperija tal-Gvern, il-Palazz, il-Belt.**

# Reċensjonijiet

**"HAJJA TAL-PATRIJARKA S. DUMINKU TA' GUSMAN".** — Ta' Dun Franġisk Catania. — Dar ta' San Ġużepp, il-Ħamrun. 1952. paġ. 80.

Il-letteratura Maltija ma hix nieqsa minn kotba fuq ħajjet il-Qaddisin; forsi dan hu l-element li l-aktar li nħadem mill-kittieba tagħna għax il-poplu għandu devozzjoni lejn il-Qaddisin u fost dawn wieħed mill-aktar popolari hu San Duminku, maħbub u miqjum mal-Gżira tagħna kollha.

Dun Franġisk Catania f'dan il-ktieb għaraf jiġbor il-ħajja tal-għaġeb tal-Patrijarka ta' Gużman u fisser fil-qosor, imma bla nuqqas, il-ħidma, il-mirakli u t-tagħlim ta' dan il-Qaddis kbir, wieħed mid-difensuri tal-Fidi tagħna, fundatur ta' Ordni għaref u setgħan u Duttur tal-Knisja. L-apostolat tal-Patrijarka San Duminku jinfirex fuq bosta naħiet. Kif fisser tajjeb l-awtur, San Duminku tħallat mal-fqar u mal-għonja, u wettaq il-ħidma tiegħu fl-imsieraħ fost il-kotra u fl-Università fost il-għorrief. Hu kien sejf u tarka tar-Reliġjon tagħna, tħabat għat-trijonf tal-Knisja fuq l-eretiċi u l-egħdewwa tagħha, qabeż għall-Papa u iddefenda l-awtorità tiegħu, ġera minn pajjiż għall-ieħor dejjem jipprietka, igħallem u jħeġġeġ in-nies bin-nar tal-Fidi.

L-awtur jistħoqqlu kull tifħir għax tana fil-qosor l-istorja ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta u wriena l-progress li għamel dan l-Ordni fil-Gżira tagħna matul ħames mitt sena li ilu hawn. Erba' versi minn dan il-ktieb huma ta' interess għalina l-Maltin għax għandhom siwi kbir fl-istorja ta' pajjiżna: "L-ewwel Isqof Dumnikan insibuh hawn Malta fis-sena 1259, sewwa sew tmienja u tletin sena biss wara l-mewt ta' San Duminku. Dana kien Giacomo de Melito mibgħut Isqof ta' Malta mill-Papa Aleccandro IV" (paġna 57).

Dawn l-erba' versi huma xhieda tar-rabta sħiħa li hemm bejn artna u l-Ordni Dumnikan.

Fil-waqt li nifirħu lil Dun Franġisk għal dan ix-xogħol sabiħ u ta' fejda nixtiequh li jimxi fit-triq li fetħu qassisin oħra ta' qablu bħal Dun Alwiġ Galea, Dun Xand Cortis, Dun Anton Vella, u jissokta bħalhom

**L-ISKRITTURA MQADDSA. — IR-RABTA L-QADIMA.— L-EWWEL U T-TIENI KTIEB.** — Ta' R. Vella Tomlin.

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa illi t-tfal fl-iskejjel ikollhom kotba adattati għalihom fuq l-Iskrittura Mqaddsa. Il-Kelma t'Alla diġà ġiet imxandra f'ħafna kotba bil-Malti, b'mod speċjali mill-Prof. Mons. P. P. Saydon fis-sensiela ta' kotba li ħareġ u li qiegħed joħroġ, li huma ġawhar tal-letteratura tagħna. Imma waqt illi l-istil tal-kitba tal-Prof. Saydon hu elevat, l-istil ta' R. Vella Tomlin hu maħdum b'dik is-sengħa u attenzjoni li jilħaq il-mentalità tat-tfal ta' l-iskejjel. Dan iwettqu l-awtur innifsu fl-introduzzjoni:

# LISTA TA' KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND TAL-KERA U BŻONNIJIET TAD-DAR TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

Din l-ewwel lista turi l-ismijiet tal-kontribwenti u s-somom li ngħataw minn kull wieħed għall-[illegible] għaddiet. Billi dis-sena l-lista għadha mhix m[illegible]mlija, **għax hemm xi membri li wegħdu li jridu jikkontribwixxu,** nistamaw li għan Numru ta' "IL-MALTI" ta' Ġunju nkunu nistgħu nippubblikaw il-lista kollha tal-kontribuzzjonijiet li saru dis-sena.

**Kontribuzzjonijiet tas-sena 1953**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sur Ivo Muscat Azzopardi | £2 | 0 | 0 |
| Sur Ġużè Chetcuti | 2 | 0 | 0 |
| Dr. Anton Buttigieg | 3 | 0 | 0 |
| Sur A. Cremona | 2 | 0 | 0 |
| Prof. Ġużè Galea | 2 | 0 | 0 |
| Prof. Kan. E. Coleiro | 2 | 0 | 0 |
| Sur Ġino Muscat Azzopardi | 4 | 0 | 0 |
| Sur Ġorġ Pisani | 2 | 0 | 0 |
| Sur Saver Caruana | 2 | 0 | 0 |
| Sur Nicol Biancardi | 2 | 0 | 0 |
| Dr. Rużar Briffa | 1 | 0 | 0 |
| Prof. Mgr. P.P. Saydon | 2 | 0 | 0 |
| | £26 | 0 | 0 |

JINBIEGH 1s.